

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000054/2018

lill-Kummissjoni

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

Cecilia Wikström

f'isem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet

Suġġett: Risposti għal petizzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-prekarjetà u l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat

Wara li kkunsidra l-għadd kbir ta' petizzjonijiet li rċieva l-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar il-prekarjetà u l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat fir-relazzjonijiet tax-xogħol, fis-settur pubbliku u f'dak privat, u l-eżitu tas-seduta ta' smigħ dwar dan is-suġġett li saret fit-22 ta' Novembru 2017, tista' l-Kummissjoni twieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:

Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-liġi tal-UE hija implimentata b'mod korrett fir-rigward tal-protezzjoni tal-ħaddiema?

Tista' l-Kummissjoni tixħet dawl fuq il-kwistjoni tal-kompatibilità ta' kuntratti ta' zero sigħat, użati f'xi Stati Membri, mal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluża d-Direttiva dwar Xogħol Part-time?

Il-Kummissjoni x'azzjoni qiegħda tiegħu sabiex tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar ix-xogħol, u biex tindirizza l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat u forom ta' impjegji prekarji, bħal kuntratti ta' zero sigħat, kif deskritti fil-petizzjonijiet?

B'liema mod il-Kummissjoni qiegħda attwalment tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva dwar Xogħol fuq Terminu Fiss kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat?

Il-Kummissjoni kif qiegħda tippjana li l-proposta għal direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-UE tista' ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol billi żżid il-prevedibilità u s-sostenibilità tal-impjeg?

X'miżuri qiegħda tiegħu l-Kummissjoni minbarra d-direttiva proposta sabiex ittejjeb il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar ix-xogħol u biex jiġharsu aħjar id-drittijiet tal-ħaddiema, filwaqt li jitqiesu l-kompetenzi tal-UE u l-prinċipju tas-sussidjarjetà?

X'inhi s-sitwazzjoni attwali tal-proċedimenti ta' ksur kurrenti msemmija fil-petizzjonijiet dwar ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar ix-xogħol?

Imressqa: 17.5.2018

Mgħoddija: 21.5.2018

L-iskadenza għat-tweġiba: 28.5.2018